



---

*Kumitat għat-Trasport u t-Turiżmu*

---

**2016/0149(COD)**

26.4.2017

**\*\*\*I**

## **ABBOZZ TA' RAPPORT**

dwar il-proposta għal regolament tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill dwar servizzi ta' konsenja tal-pakketti transfruntiera  
(COM(2016)0285 – C8-0195/2016 – 2016/0149(COD))

Kumitat għat-Trasport u t-Turiżmu

Rapporteur (għal opinjoni): Lucy Anderson

Rapporteur għal opinjoni (\*): Biljana Borzan, Kumitat għas-Suq Intern u l-Ħarsien tal-Konsumatur

(\* ) Kumitat assoċjat – Artikolu 54 tar-Regoli ta' Proċedura

### ***Tifsira tas-simboli użati***

- \* Proċedura ta' konsultazzjoni
- \*\*\* Proċedura ta' approvazzjoni
- \*\*I Proċedura leġiżlattiva ordinarja (l-ewwel qari)
- \*\*II Proċedura legiżlattiva ordinarja (it-tieni qari)
- \*\*III Proċedura legiżlattiva ordinarja (it-tielet qari)

(It-tip ta' proċedura jiddependi mill-bażi legali proposta mill-abbozz ta' att.)

### ***Emendi għal abbozz ta' att***

#### **Emendi tal-Parlament f'żewġ kolonni**

It-tħassir huwa indikat permezz tat-tipa ***korsiva u grassa*** fil-kolonna tax-xellug. Is-sostituzzjoni hija indikata permezz tat-tipa ***korsiva u grassa*** fiż-żewġ kolonni. It-test ġdid huwa indikat permezz tat-tipa ***korsiva u grassa*** fil-kolonna tal-lemin.

L-ewwel u t-tieni linji tal-intestatura ta' kull emenda jidentifikaw il-parti tat-test ikkonċernata fl-abbozz ta' att inkwistjoni. Meta emenda tirrigwarda att eżistenti, li l-abbozz ta' att ikollu l-ħsieb li jemenda, l-intestatura jkun fiha wkoll it-tielet u r-raba' linji li jidentifikaw rispettivament l-att eżistenti u d-dispożizzjoni kkonċernata f'dak l-att.

#### **Emendi tal-Parlament li jieħdu l-forma ta' test konsolidat**

Il-partijiet tat-testi l-ġodda huma indikati permezz tat-tipa ***korsiva u grassa***. Il-partijiet tat-test imħassra huma indikati permezz tas-simbolu **■** jew huma ingassati. Is-sostituzzjoni hija indikata billi t-test il-ġdid jiġi indikat permezz tat-tipa ***korsiva u grassa*** u billi jitħassar jew jiġi ingassat it-test sostitwit. Bħala eċċezzjoni, it-tibdil ta' natura strettament teknika magħmul mis-servizzi fil-preparazzjoni tat-test finali mhuwiex indikat.

## WERREJ

### Paġna

ABBOZZ TA' RIŻOLUZZJONI LEĠIŻLATTIVA TAL-PARLAMENT EWROPEW .....	5
NOTA SPJEGATTIVA.....	48



## **ABBOZZ TA' RIŻOLUZZJONI LEĠIŻLATTIVA TAL-PARLAMENT EWROPEW**

**dwar il-proposta għal regolament tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill dwar servizzi ta' konsenja tal-pakketti transfruntiera**

**(COM(2016)0285 – C8-0195/2016 – 2016/0149(COD))**

**(Proċedura leġiżlattiva ordinarja: l-ewwel qari)**

*Il-Parlament Ewropew,*

- wara li kkunsidra l-proposta tal-Kummissjoni lill-Parlament Ewropew u lill-Kunsill (COM(2016)0285),
  - wara li kkunsidra l-Artikolu 294(2) u l-Artikolu 114 tat-Trattat dwar il-Funzjonament tal-Unjoni Ewropea, skont liema artikoli l-Kummissjoni ressqet il-proposta lill-Parlament (C8-0195/2016),
  - wara li kkunsidra l-Artikolu 294(3) tat-Trattat dwar il-Funzjonament tal-Unjoni Ewropea,
  - wara li kkunsidra l-opinjoni tal-Kumitat Ekonomiku u Soċjali Ewropew tad-19 ta' Ottubru 2016<sup>1</sup>,
  - wara li kkunsidra l-Artikolu 59 tar-Regoli ta' Proċedura tiegħu,
  - wara li kkunsidra r-rapport tal-Kumitat għat-Trasport u t-Turiżmu u l-opinjoni tal-Kumitat għas-Suq Intern u l-Ħarsien tal-Konsumatur (A8-0000/2017),
1. Jadotta l-pożizzjoni fl-ewwel qari li tidher hawn taħt;
  2. Jistieden lill-Kummissjoni terġa' tirreferi l-kwistjoni lill-Parlament jekk tibdel il-proposta tagħha, temendaha b'mod sustanzjali jew ikollha l-ħsieb li temendaha b'mod sustanzjali;
  3. Jagħti istruzzjonijiet lill-President tiegħu biex jgħaddi l-pożizzjoni tal-Parlament lill-Kunsill u lill-Kummissjoni kif ukoll lill-parlamenti nazzjonali.

---

<sup>1</sup> ĠU C 34, 2.2.2017, p. 106.

## Emenda 1

### Proposta għal regolament Kunsiderazzjoni 5

*Test propost mill-Kummissjoni*

*Emenda*

**Wara li kkunsidraw l-opinjoni tal-Kumitat  
tar-Reġjuni<sup>47</sup>**

***imħassar***

---

<sup>47</sup> *ĠUC*, , p. .

Or. en

## Emenda 2

### Proposta għal regolament Premessa 1

*Test propost mill-Kummissjoni*

*Emenda*

(1) It-tariffi applikabbli għal ***spedituri*** b'volumi baxxi ta' ***pakketti u oġġetti postali oħra*** transfruntiera, partikolarment intrapriżi żgħar u ta' daqs medju u individwi, għadhom relattivament għoljin. Dan iħalli impatt dirett u negattiv fuq l-utenti ***li jfittxu servizzi tal-konsenja tal-pakketti*** transfruntiera, ***speċjalment fil-kuntest tal-kummerċ elettroniku.***

(1) It-tariffi applikabbli għal ***utenti*** b'volumi baxxi ta' ***servizzi ta' konsenja tal-pakketti*** transfruntiera, partikolarment intrapriżi żgħar u ta' daqs medju u individwi, għadhom relattivament għoljin. Dan iħalli impatt dirett u negattiv fuq ***dawk*** l-utenti, ***speċjalment fil-kuntest tal-kummerċ elettroniku. Barra minn hekk, l-utenti spiss jirrappurtaw kwistjonijiet relatati mal-kwalità tas-servizz meta jkunu qed jibagħtu, jirċievu jew jirritornaw pakketti*** transfruntiera, ***filwaqt li l-istandards tekniċi konsistenti f'dan il-qasam għandhom bżonn titjib, inkluż fir-rigward ta' kunsiderazzjonijiet ambjentali.***

Or. en

### *Ġustifikazzjoni*

*Fil-Valutazzjoni tal-Impatt tal-Kummissjoni Ewropea, il-konsenja ta' oġġetti mixtrija b'mod transkonfinali nstabet li kienet problema mill-akbar esperjenzata mix-xerrejja online fl-UE.*

### Emenda 3

#### Proposta għal regolament Premessa 1a (ġdida)

*Test propost mill-Kummissjoni*

*Emenda*

**(1a)** *L-Artikolu 14 tat-Trattat dwar il-Funzjonament tal-Unjoni Ewropea (TFUE) jenfasizza l-post okkupat mis-servizzi ta' interess ekonomiku ġenerali, bħalma huma s-servizzi postali, fost il-valuri komuni tal-Unjoni Ewropea kif ukoll ir-rwol tagħhom fil-promozzjoni tal-koeżjoni soċjali u territorjali. Dan jiddikjara li għandha tingħata attenzjoni biex dawn is-servizzi joperaw fuq il-bażi ta' prinċipji u kondizzjonijiet li jippermettulhom iwettqu l-missjonijiet tagħhom.*

Or. en

#### *Ġustifikazzjoni*

*Dan ir-Regolament ġie propost fil-qafas tal-Istrateġija għal Suq Uniku Diġitali, sabiex jagħti spinta lill-kummerċ elettroniku u jindirizza l-problemi li jinħolqu minħabba d-disparitajiet fil-prezzijiet bejn il-konsenji transfruntiera fi Stati Membri differenti. Madankollu, jenħtieġ li jiġi żgurat li r-Regolament mhux ser ikollu effett ta' detriment fuq is-servizzi postali bħala kunsiderazzjonijiet ta' interess pubbliku ġenerali.*

### Emenda 4

#### Proposta għal regolament Premessa 1b (ġdida)

*Test propost mill-Kummissjoni*

*Emenda*

**(1b)** *Il-Protokoll Nru 26 dwar is-Servizzi ta' Interess Ġenerali anness mat-TFUE u mat-Trattat dwar l-Unjoni Ewropea jenfasizza ulterjorment li l-valuri komuni tal-Unjoni fir-rigward tas-servizzi ta' interess ekonomiku ġenerali fis-sens tal-Artikolu 14 tat-TFUE jinkludu d-differenzi fil-ħtiġijiet u l-preferenzi tal-utenti li jistgħu jirriżultaw minn sitwazzjonijiet ġeografiċi, soċjali jew*

*kulturali differenti u minn livell għoli ta' kwalità, sikurezza u affordability, trattament indaqs u l-promozzjoni ta' aċċess universali u tad-drittijiet tal-utenti.*

Or. en

## Emenda 5

### Proposta għal regolament Premessa 1c (ġdida)

*Test propost mill-Kummissjoni*

*Emenda*

*(1c) L-Artikolu 169(1) u l-punt (a) tal-Artikolu 169(2) tat-TFUE jiddisponu li l-Unjoni għandha tikkontribwixxi għall-kisba ta' livell għoli ta' protezzjoni tal-konsumatur permezz ta' miżuri adottati skont l-Artikolu 114 tat-TFUE.*

Or. en

### *Ġustifikazzjoni*

*Bħala kwistjoni ta' dritt tal-Unjoni, miżuri ta' armonizzazzjoni skont l-Artikolu 114 tat-TFUE bħalma hu r-Regolament preżenti għandhom jittieħdu fuq il-bażi ta' livell għoli ta' protezzjoni tal-konsumatur.*

## Emenda 6

### Proposta għal regolament Premessa 2

*Test propost mill-Kummissjoni*

*Emenda*

(2) Hemm differenzi fundamentali bejn l-Istati Membri f'dak li jirrigwarda l-kompetenzi konferiti lill-awtoritajiet regolatorji nazzjonali fir-rigward tal-monitoraġġ tas-suq u s-superviżjoni regolatorja tal-fornituri tal-konsenja tal-pakketti. Dan ġie kkonfermat minn rapport konġunt<sup>48</sup> imħejji mill-Grupp Ewropew tar-Regolaturi tas-Servizzi Postali u l-Korp ta' Regolaturi Ewropej tal-

(2) Hemm differenzi fundamentali bejn l-Istati Membri f'dak li jirrigwarda l-kompetenzi konferiti lill-awtoritajiet regolatorji nazzjonali fir-rigward tal-monitoraġġ tas-suq u s-superviżjoni regolatorja tal-fornituri *tas-servizzi* tal-konsenja tal-pakketti. Dan ġie kkonfermat minn rapport konġunt<sup>48</sup> imħejji mill-Grupp Ewropew tar-Regolaturi tas-Servizzi Postali u l-Korp ta' Regolaturi Ewropej tal-



Komunikazzjonijiet Elettroniċi, li kkonkludew li l-awtoritajiet regolatorji nazzjonali jeħtieġu setgħat regolatorji xierqa biex jintervjenu u li dawn is-setgħat ma jidhirx li huma preżenti fl-Istati Membri kollha. Dawk id-differenzi jwasslu għal piżijiet amministrattivi u spejjeż ta' konformità addizzjonali għall-fornituri tas-servizz tal-konsenja tal-pakketti li joperaw b'mod transfruntier. Dawn id-differenzi għalhekk jikkostitwixxu ostakolu għall-provvista tranfruntiera ta' servizzi ta' konsenja tal-pakketti u għalhekk iħallu effett dirett fuq il-funzjonament tas-suq intern.

---

<sup>48</sup> BoR (15) 214/ERGP PL (15) 32.

Komunikazzjonijiet Elettroniċi, li kkonkludew li l-awtoritajiet regolatorji nazzjonali jeħtieġu setgħat regolatorji xierqa biex jintervjenu u li dawn is-setgħat ma jidhirx li huma preżenti fl-Istati Membri kollha. Dawk id-differenzi jwasslu għal piżijiet amministrattivi u spejjeż ta' konformità addizzjonali għall-fornituri tas-servizz tal-konsenja tal-pakketti li joperaw b'mod transfruntier. Dawn id-differenzi għalhekk jikkostitwixxu ostakolu għall-provvista tranfruntiera ta' servizzi ta' konsenja tal-pakketti u għalhekk iħallu effett dirett fuq il-funzjonament tas-suq intern.

---

<sup>48</sup> BoR (15) 214/ERGP PL (15) 32.

Or. en

### *Ġustifikazzjoni*

*Din hija emenda lingwistika li ttejjeb it-test.*

## **Emenda 7**

### **Proposta għal regolament Premessa 2a (ġdida)**

*Test propost mill-Kummissjoni*

*Emenda*

***(2a) Ir-riżoluzzjoni tal-Parlament Ewropew tal-15 ta' Settembru 2016 dwar l-applikazzjoni tad-Direttiva dwar is-Servizzi Postali\* iddikjarat li kwalunkwe espansjoni tar-rwol tal-awtoritajiet regolatorji nazzjonali taħt ir-regolament il-ġdid fis-suq tal-pakketti jenħtieġ li tindirizza b'mod determinat l-għażliet selettivi fis-settur tal-konsenji u tistabbilixxi standards minimi għall-operaturi kollha sabiex tiġi żgurata kompetizzjoni ġusta u ugwali.***

---

**\* P8\_TA(2016)0357**

**Emenda 8****Proposta għal regolament****Premessa 3***Test propost mill-Kummissjoni*

(3) Is-suq għas-servizzi tal-konsenja tal-pakketti transfruntiera ***hija diversa u kumplessa***, b'fornituri differenti li joffru servizzi u prezzijiet differenti skont il-piż, id-daqs u l-format ***tal-oġġetti*** mibgħuta kif ukoll id-destinazzjoni, elementi ta' valur miżjud, ***bħal soluzzjonijiet*** ta' traċċabilità, u l-għadd ta' ***oġġetti*** mibgħuta. Dik id-diversità tagħmel is-servizzi ta' konsenja tal-pakketti diffiċli biex titqabbel bejn fornituri differenti, kemm f'termini ta' kwalità kif ukoll ta' prezz. Barra minn hekk, spedituri ta' volum baxx, bħal impriżi żgħar u ta' daqs medju u individwi sikwit ma jkunux konxji tal-eżistenza ta' diversi servizzi ta' konsenja ta' pakketti offruti.

*Emenda*

(3) Is-suq għas-servizzi tal-konsenja tal-pakketti transfruntiera ***huwa divers, kumpless u kompetittiv***, b'fornituri differenti li joffru servizzi u prezzijiet differenti skont il-piż, id-daqs u l-format ***tal-pakketti*** mibgħuta kif ukoll id-destinazzjoni, elementi ta' valur miżjud, ***bħalma huma sistemi*** ta' traċċabilità, u l-għadd ta' ***pakketti*** mibgħuta. ***Fil-biċċa l-kbira tal-Istati Membri, il-fornituri ta' servizz universali m'għandhomx sehem maġġoritarju mis-suq tal-konsenja tal-pakketti***. Dik id-diversità tagħmel is-servizzi ta' konsenja tal-pakketti diffiċli biex titqabbel bejn fornituri differenti, kemm f'termini ta' kwalità kif ukoll ta' prezz. Barra minn hekk, spedituri ta' volum baxx, bħal impriżi żgħar u ta' daqs medju u individwi sikwit ma jkunux konxji tal-eżistenza ta' diversi servizzi ta' konsenja ta' pakketti offruti.

Or. en

**Emenda 9****Proposta għal regolament****Premessa 4***Test propost mill-Kummissjoni*

(4) Sabiex ***itejbu*** l-affordabbiltà tas-servizzi tal-konsenja tal-pakketti transfruntiera, speċjalment għall-utenti f'żoni remoti jew b'popolazzjoni baxxa, huwa meħtieġ li tittejjeb it-trasparenza ***ta' listi pubbliċi ta' tariffi*** għal sett limitat ta'

*Emenda*

(4) Sabiex ***itejbu*** l-affordabbiltà tas-servizzi tal-konsenja tal-pakketti transfruntiera, speċjalment għall-utenti f'żoni remoti jew b'popolazzjoni baxxa ***u għal dawk li għandhom diżabilità jew għandhom mobbiltà mnaqqa***, huwa

servizzi tal-konsenja tal-pakketti transfruntiera offruti mill-fornituri tas-servizz **universali**, li huma użati l-aktar minn impriżi żgħar u ta' daqs medju u **l-individwi**. It-trasparenza tal-listi pubbliċi hija meħtieġa wkoll biex tkun indirizzata l-kwistjoni ta' tariffi għolja ta' servizzi transfruntiera u biex jitnaqqsu, meta applikabbli, differenzi mhux ġustifikati fit-tariffi bejn servizzi ta' konsenja **nazzjonali** u transfruntiera.

meħtieġ li tittnejeb it-trasparenza **tat-tariffi u tar-rati terminali** għal sett limitat ta' servizzi tal-konsenja tal-pakketti transfruntiera offruti mill-fornituri tas-servizz **tal-konsenja tal-pakketti**, li huma użati l-aktar minn impriżi żgħar u ta' daqs medju u **minn individwi**. It-trasparenza tal-listi pubbliċi hija meħtieġa wkoll biex tkun indirizzata l-kwistjoni ta' tariffi għolja ta' servizzi transfruntiera u biex jitnaqqsu, meta applikabbli, differenzi mhux ġustifikati fit-tariffi bejn servizzi ta' konsenja **domestika** u transfruntiera.

Or. en

## Emenda 10

### Proposta għal regolament Premessa 5

*Test propost mill-Kummissjoni*

(5) *Fil-biċċa l-kbira tal-Istati Membri hemm diversi fornituri li jipprovdu servizzi ta' konsenja tal-pakketti domestiċi, filwaqt li huma biss ftit dawk il-fornituri li jipprovdu wkoll servizzi tal-konsenja tal-pakketti transfruntiera. F'dan il-kuntest, huwa essenzjali li jiġi żgurat, biex tkun imħarsa u promossa l-kompetizzjoni effettiva u biex jiġu protetti l-utenti, l-aċċess trasparenti u mhux diskriminatorju għas-servizzi u l-infrastruttura meħtieġa għall-provvista tas-servizzi tal-konsenja tal-pakketti transfruntiera.*

*Emenda*

*imħassar*

Or. en

## Emenda 11

### Proposta għal regolament Premessa 6

(6) Bħalissa, is-servizzi postali huma regolati bid-Direttiva 97/67/KE tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill<sup>49</sup>. ***Din id-Direttiva tistabbilixxi regoli komuni li jirregolaw il-forniment ta' servizzi postali u s-servizz postali universali fl-Unjoni. Id-Direttiva tiffoka primarjament, iżda mhux esklussivament, fuq servizzi universali nazzjonali u ma tindirizzax is-superviżjoni regolatorja tal-fornituri tas-servizzi tal-konsenja tal-pakketti, it-trasparenza tat-tariffi u r-rati terminali għal ċerti servizzi tal-konsenja tal-pakketti transfruntiera, il-valutazzjoni tal-affordabilità tat-tariffi għal ċerti servizzi tal-konsenja tal-pakketti transfruntiera u l-aċċess trasparenti u mhux diskriminatorju għal ċerti servizzi tal-konsenja tal-pakketti w/jew infrastruttura transfruntiera. Għalhekk dan ir-Regolament għandu jikkumplimenta, sa fejn huma konċernati s-servizzi tal-konsenja tal-pakketti transfruntiera, ir-regoli stabbiliti fid-Direttiva 97/67/KE.***

---

<sup>49</sup> Id-Direttiva 97/67/KE tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tal-15 ta' Diċembru 1997 dwar regoli komuni għall-iżvilupp tas-suq intern tas-servizzi postali tal-Komunità u t-titjib fil-kwalità tas-servizz (ĠU L 1, 21.1.1998, p. 14 - 25).

(6) Bħalissa, is-servizzi postali huma regolati bid-Direttiva 97/67/KE tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill<sup>49</sup>. ***Dik id-Direttiva tistabbilixxi regoli komuni li jirregolaw il-forniment ta' servizzi postali u s-servizz postali universali fl-Unjoni. Dan ir-Regolament, għalhekk, jikkumplimenta, sa fejn huma konċernati s-servizzi tal-konsenja tal-pakketti transfruntiera, ir-regoli stabbiliti fid-Direttiva 97/67/KE. Madankollu, id-dispożizzjonijiet ta' dan ir-Regolament huma mingħajr preġudizzju għad-drittijiet u għall-garanziji stabbiliti f'dik id-Direttiva inkluż b'mod partikolari d-dispożizzjoni kontinwa ta' servizz postali universali għall-utenti.***

---

<sup>49</sup> Id-Direttiva 97/67/KE tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tal-15 ta' Diċembru 1997 dwar regoli komuni għall-iżvilupp tas-suq intern tas-servizzi postali tal-Komunità u t-titjib fil-kwalità tas-servizz (ĠU L 1, 21.1.1998, p. 14 - 25).

Or. en

## **Emenda 12**

### **Proposta għal regolament Premessa 6a (ġdida)**

***(6a) Dan ir-Regolament huwa mingħajr preġudizzju għall-applikazzjoni***

*sħiħa mill-fornituri kollha tas-servizzi ta konsenja tal-pakketti ta' dispożizzjonijiet legali u kuntrattwali kollha li jikkonċernaw l-impjeg, il-kundizzjonijiet tax-xogħol u tas-sigurtà soċjali u l-eżerċizzju tad-drittijiet fundamentali, inkluż id-dritt li wieħed jinneozja, jikkonkludi u jinforza ftehimiet ta' negozjar kollettiv u jieħu azzjoni industrijali.*

Or. en

### *Ġustifikazzjoni*

*Dan ir-Regolament ma għandux l-għan li jirregola l-kwistjonijiet li jirrigwardaw id-drittijiet soċjali u tax-xogħol, li jenħtiegħ li jibqgħu suġġetti għad-dispożizzjonijiet applikabbli rilevanti eżistenti tad-dritt tal-Istati Membri u tad-dritt tal-Unjoni.*

## **Emenda 13**

### **Proposta għal regolament Premessa 7**

#### *Test propost mill-Kummissjoni*

(7) Stima ta' 80 % tal-oġġetti postali b'indirizz iġġenerati mill-kummerċ elettroniku llum il-ġurnata jiżnu anqas minn żewġ kilogrammi, u ħafna drabi jiġu proċessati mal-posta tal-ittri. Huwa importanti li dawk l-oġġetti postali jkunu soġġetti għal dan ir-Regolament, ***b'mod*** partikolari għar-rekwiżiti dwar it-trasparenza tat-tariffi u ***l-valutazzjoni*** tal-affordabbiltà tagħhom.

#### *Emenda*

(7) Stima ta' 80 % tal-oġġetti postali b'indirizz iġġenerati mill-kummerċ elettroniku llum il-ġurnata jiżnu anqas minn żewġ kilogrammi, u ħafna drabi jiġu proċessati mal-posta tal-ittri. Huwa importanti li dawk l-oġġetti postali jkunu soġġetti għal dan ir-Regolament, ***b'mod*** partikolari għar-rekwiżiti dwar it-trasparenza tat-tariffi ***għas-servizzi ta' konsenja tal-pakketti transfruntiera*** u ***dwar il-valutazzjoni*** tal-affordabbiltà tagħhom.

Or. en

## **Emenda 14**

### **Proposta għal regolament Premessa 8**

(8) Għalhekk, huwa importanti li tingħata definizzjoni ċara ta' servizzi ta' konsenja tal-pakketti u li jiġi speċifikat liema oġġetti postali huma koperti minn ***din id-definizzjoni***. Dan jikkonċerna b'mod partikolari oġġetti postali, għajr għal oġġetti ta' korrisondenza, li minħabba l-piż tagħhom normalment jintużaw biex jintbagħtu prodotti u merkanzja. Dan ir-Regolament għandu għaldaqstant ikopri, skont Prattika konsistenti, oġġetti postali li jiżnu sa 31.5 kg, peress li oġġetti itqal ma jistgħu jiġu ġestiti minn individwu medju waħdu mingħajr għajnuniet mekkaniċi. F'konformità mal-prattika attwali u ***d-Direttiva*** 97/67/KE, kull stadju fil-katina postali, jiġifieri l-ġbir, l-issortjar u ***l-konsenja*** għandhom ikunu kkunsidrati bħala ***servizzi*** ta' konsenja tal-pakketti. ***It-trasport waħdu li ma jsirx flimkien ma' wieħed minn dawk l-istadji għandu jaqa' barra mill-kamp ta' applikazzjoni ta' servizzi ta' konsenja tal-pakketti peress li f'dan il-każ jista' jiġi preżunt li din l-attività hija parti mis-settur tat-trasport.***

(8) Għalhekk, huwa importanti li tingħata definizzjoni ċara ta' ***pakketti u ta'*** servizzi ta' konsenja tal-pakketti u li jiġi speċifikat liema oġġetti postali huma koperti minn ***dawk id-definizzjonijiet***. Dan jikkonċerna b'mod partikolari oġġetti postali, għajr għal oġġetti ta' korrisondenza, li minħabba l-piż tagħhom normalment jintużaw biex jintbagħtu prodotti u merkanzja. Dan ir-Regolament għandu għaldaqstant ikopri, skont Prattika konsistenti, oġġetti postali li jiżnu sa 31.5 kg, peress li oġġetti itqal ma jistgħu jiġu ġestiti minn individwu medju waħdu mingħajr għajnuniet mekkaniċi. F'konformità mal-prattika attwali u ***skont id-Direttiva*** 97/67/KE, kull stadju fil-katina postali, jiġifieri l-ġbir, l-issortjar, ***it-trasport u t-tqassim***, għandhom ikunu kkunsidrati bħala ***servizz*** ta' konsenja tal-pakketti.

Or. en

## Emenda 15

### Proposta għal regolament

#### Premessa 9

(9) Ir-rati terminali huma bbażati fuq ftehimiet multilaterali u bilaterali bejn il-fornituri tas-servizz ***universali*** u jiżguraw li l-fornitur tas-servizz ***universali*** tad-destinazzjoni jitħallas tal-ispejjeż tas-servizz mogħti lill-fornitur tas-servizz ***universali*** ta' oriġini. Ir-rati terminali għandhom jiġu definiti b'tali mod li jinkludu kemm il-ħlasijiet terminali, kif

(9) Ir-rati terminali huma bbażati fuq ftehimiet multilaterali u bilaterali bejn il-fornituri tas-servizz ***tal-konsenja tal-pakketti*** u jiżguraw li l-fornitur tas-servizz ***tal-konsenja tal-pakketti*** tad-destinazzjoni jitħallas tal-ispejjeż tas-servizz mogħti lill-fornitur tas-servizz ***tal-konsenja tal-pakketti*** ta' oriġini. Ir-rati terminali għandhom jiġu definiti b'tali mod li

definit fil-punt 15 tal-Artikolu 2 tad-Direttiva 97/67/KE li huma applikati għal oġġetti postali tal-ittri u r-rati tal-art tal-posta li tkun qed tasal applikati għall-pakketti.

jinkludu kemm il-ħlasijiet terminali, kif definit fil-punt 15 tal-Artikolu 2 tad-Direttiva 97/67/KE li huma applikati għal oġġetti postali tal-ittri u r-rati tal-art tal-posta li tkun qed tasal applikati għall-pakketti.

Or. en

## Emenda 16

### Proposta għal regolament Premessa 10

#### *Test propost mill-Kummissjoni*

(10) Huwa meħtieġ li l-awtoritajiet regolatorji nazzjonali jkollhom għarfien u informazzjoni għal skopijiet ta' statistika dwar il-fornituri tas-servizzi tal-konsenja tal-pakketti attivi fis-suq. Madankollu, sabiex jiġi limitat il-piż amministrattiv għal fornituri tas-servizzi ta' konsenja ta' pakketti **żgħar** li huma attivi biss fis-suq nazzjonali jew reġjonali, għandu jkun applikat livell limitu, ibbażat fuq l-għadd ta' persuni li jaħdmu għall-fornitur tas-servizz u involuti fl-għoti ta' servizzi ta' konsenja tal-pakketti.

#### *Emenda*

(10) Huwa meħtieġ li l-awtoritajiet regolatorji nazzjonali jkollhom għarfien u informazzjoni għal skopijiet ta' statistika dwar il-fornituri tas-servizzi tal-konsenja tal-pakketti attivi fis-suq. Madankollu, sabiex jiġi limitat il-piż amministrattiv għal fornituri **żgħar** tas-servizzi ta' konsenja ta' pakketti li huma attivi biss fis-suq nazzjonali jew reġjonali, għandu jkun applikat livell limitu, ibbażat fuq l-għadd ta' persuni li jaħdmu għall-fornitur tas-servizz u involuti fl-għoti ta' servizzi ta' konsenja tal-pakketti, ***iżda li tippermetti wkoll l-inklużjoni xierqa fil-livell limitu ta' dawk il-persuni li qed jaħdmu fis-settur għajr fuq bażi permanenti full-time.***

Or. en

## Emenda 17

### Proposta għal regolament Premessa 12

#### *Test propost mill-Kummissjoni*

(12) Meta tingħata informazzjoni lill-awtorità regolatorja nazzjonali, għandu jitqies li l-fornituri tas-servizzi ta' konsenja

#### *Emenda*

(12) Meta tingħata informazzjoni lill-awtorità regolatorja nazzjonali, għandu jitqies li l-fornituri tas-servizzi ta' konsenja

tal-pakketti jista' jkun li diġà jkunu taw ċerta informazzjoni ***lill-istess awtorità*** regolatorja nazzjonali. Is-servizzi ta' konsenja tal-pakketti huma importanti għall-intrapriżi żgħar u ta' daqs medju u għall-individwi u għandhom ikunu jistgħu jqabblu faċilment bejn fornituri differenti. Għalhekk, is-servizzi li għalihom għandhom jingħataw it-tariffi minn fornituri ta' servizz ***universali*** għandhom jiġu definiti b'mod ċar. Dawk it-tariffi għandhom ikunu ppubblikati mill-Kummissjoni fuq sit tal-internet dedikat ***u għandhom, flimkien mal-provvista regolari kunfidenzjali tar-rati terminali sottostanti, jikkostitwixxu l-bażi għall-awtoritajiet nazzjonali regolatorji biex jivvalutaw l-affordabbiltà tat-tariffi għas-servizzi tal-konsenja tal-pakketti transfruntiera. Il-fornituri tas-servizz ta' konsenja tal-pakketti għajr għal fornituri ta' servizz universali jistgħu jipprovdur b'mod volontarju, f'forma paragonabbli, lill-awtorità regolatorja nazzjonali tagħhom skont it-tariffi għall-istess oġġetti sakemm dawk l-oġġetti jitwasslu d-dar jew fil-post tad-destinatarju.***

tal-pakketti jista' jkun li diġà jkunu taw ċerta informazzjoni ***lill-dik l-awtorità*** regolatorja nazzjonali. Is-servizzi ta' konsenja tal-pakketti huma importanti għall-intrapriżi żgħar u ta' daqs medju u għall-individwi u għandhom ikunu jistgħu jqabblu faċilment bejn fornituri differenti. Għalhekk, is-servizzi li għalihom għandhom jingħataw it-tariffi minn fornituri ta' servizz ***tal-konsenja tal-pakketti*** għandhom jiġu definiti b'mod ċar. Dawk it-tariffi għandhom ikunu ppubblikati mill-Kummissjoni fuq sit tal-internet dedikat.

Or. en

## Emenda 18

### Proposta għal regolament Premessa 14

*Test propost mill-Kummissjoni*

(14) Meta l-awtoritajiet regolatorji nazzjonali jivvalutaw fuq bażi annwali l-affordabbiltà tat-tariffi, għandhom ***jibbażaw irwieħhom fuq kriterji oġġettivi, bħat-tariffi domestiċi tal-fornituri ta' servizz universali ta' oriġini u l-fornituri tas-servizz universali tad-destinazzjoni u l-livell ta' rati terminali. Dawk il-kriterji komuni jistgħu jiġu kkumplimentati bi kriterji oħra ta' rilevanza partikolari biex***

*Emenda*

(14) Meta l-awtoritajiet regolatorji nazzjonali jivvalutaw fuq bażi annwali l-affordabbiltà tat-tariffi, għandhom ***b'mod partikolari jqisu s-sitwazzjoni tal-utenti individwali u dawk tal-intrapriżi żgħar u ta' daqs medju li jgħixu jew jinsabu f'żoni remoti jew żoni b'popolazzjoni baxxa mifruxa, kif ukoll dawk l-utenti b'diżabbiltà, l-utenti li għandhom mobbiltà mnaqqsa, l-utenti li jużaw regolarment is-***



*jispijegaw it-tariffi inkwistjoni, bħalma huma spejjeż speċifiċi ta' trasport jew ġestjoni u l-volumi bilaterali bejn il-fornituri tas-servizz ta' konsenja tal-pakketti transfruntiera differenti.*

*servizzi ta' konsenja tal-pakketti u l-utenti individwali li d-dħul disponibbli tagħhom huwa ftit. F'dan ir-rigward, il-Parlament Ewropew, fir-riżoluzzjoni tiegħu tal-15 ta' Settembru 2016 dwar l-applikazzjoni tad-Direttiva dwar is-Servizzi Postali, ikkunsidra li l-kopertura ġeografika u l-aċċessibilità għas-servizzi universali għall-konsenji tal-pakketti jistgħu jittejbu u jeħtieġ li jitjiebu, speċjalment għaċ-ċittadini b'diżabilità u mobbiltà mnaqqa u għal dawk li jgħixu f'żoni remoti, u enfasizza l-importanza li tiġi żgurata l-aċċessibilità bla ostakoli għas-servizzi postali.*

Or. en

## **Emenda 19**

### **Proposta għal regolament Premessa 15**

*Test propost mill-Kummissjoni*

*Emenda*

*(15) Tariffi uniformi għall-konsenji transfruntiera għal żewġ Stati Membri jew aktar jistgħu jkunu importanti fl-interess tal-ħarsien tal-koeżjoni reġjonali u soċjali. F'dan il-kuntest għandu jiġi kkunsidrat li l-kummerċ online joffri opportunitajiet ġodda biex żoni b'popolazzjoni baxxa jipparteċipaw fil-ħajja ekonomika. Għalhekk jenħtieġ li kwalunkwe tariffa uniformi titqies b'mod sħiħ meta tkun qed tiġi kkunsidrata l-affordabbiltà tas-servizzi tal-konsenja tal-pakketti.*

*imħassar*

Or. en

## **Emenda 20**

### **Proposta għal regolament Premessa 16**

*Test propost mill-Kummissjoni*

(16) Differenzi sinifikanti bejn it-tariffi domestiċi u dawk transfruntiera għal servizzi ta' konsenja tal-pakketti għandhom ikunu ġustifikati bi kriterji oġġettivi, bħal spejjeż addizzjonali għat-trasport u marġni ta' profitt raġonevoli. ***Fornituri ta' servizz universali li jagħtu servizzi ta' konsenja tal-pakketti għandhom jiġu rikjesti li jiġġustifikaw mingħajr dewmien.***

*Emenda*

(16) Differenzi sinifikanti bejn it-tariffi domestiċi u dawk transfruntiera għal servizzi ta' konsenja tal-pakketti għandhom ikunu ġustifikati bi kriterji oġġettivi, bħal spejjeż addizzjonali għat-trasport u marġni ta' profitt raġonevoli.

Or. en

*Ġustifikazzjoni*

*Din l-emenda hija konformi mat-tibdil fl-Artikoli 4 u 5.*

**Emenda 21**

**Proposta għal regolament  
Premessa 18**

*Test propost mill-Kummissjoni*

(18) Fornituri ta' servizz ***universali*** li jipprovdu servizzi ta' konsenja tal-pakketti jistgħu jikkonkludu ftehimiet bilaterali u multilaterali dwar ir-rati terminali u jistgħu jistabbilixxu programmi oħra biex iħaffu l-interkonnnettività tan-netwerks ta' konsenja tagħhom. ***Għal raġunijiet ta' nondiskriminazzjoni, fornituri tas-servizzi tal-konsenja tal-pakketti li jikkompetu bejniethom għandhom jingħataw l-istess aċċess għar-rati terminali applikabbli bejn il-partijiet fi ftehimiet multilaterali. Jista' jkun ġustifikat li rati terminali pagabbli minn fornituri ta' servizzi ta' konsenja tal-pakketti terzi, f'xi każijiet, ikunu aktar minn dawk pagabbli minn fornituri tas-servizz universali li huma partijiet għal ftehimiet bħal dawn. Dan jista' jkun il-każ fejn il-partijiet għal ftehim multilaterali dwar ir-rati terminali jistgħu juru li l-kost biex jitwaqqaf,***

*Emenda*

(18) Fornituri ta' servizz ***ta' konsenja tal-pakketti*** li jipprovdu servizzi ta' konsenja tal-pakketti jistgħu jikkonkludu ftehimiet bilaterali u multilaterali dwar ir-rati terminali u jistgħu jistabbilixxu programmi oħra biex iħaffu l-interkonnnettività tan-netwerks ta' konsenja tagħhom. ***Huwa importanti li kwalunkwe Prattika f'dan ir-rigward li tista' tkun qed tikser il-prinċipji tad-dritt tal-kompetizzjoni tal-UE u d-dispożizzjonijiet tad-Direttiva 97/67/KE tiġi investigata u indirizzata kif xieraq mill-Istati Membri, mill-awtoritajiet regolatorji nazzjonali u mill-Kummissjoni Ewropea b'mod li jkun f'waqtu u effikaċi.***

*jitħaddem u jkun amministrat il-ftehim, il-kost żejjed imġarrab bl-aċċettazzjoni u l-ġestjoni ta' oġġetti minn fornituri ta' servizzi tal-konsenja tal-pakketti mhux magħżula u spejjeż oħra bħal dawn mhumiex koperti mir-rati terminali imposti fuq fornitur ta' servizzi terzi fl-Istat Membru ta' oriġini.*

Or. en

## **Emenda 22**

### **Proposta għal regolament Premessa 19**

*Test propost mill-Kummissjoni*

*Emenda*

*(19) Fil-prattika u għal raġunijiet operattivi, il-mument li fih għandu jingħata aċċess huwa l-uffiċċju tad-dħul ta' skambju, li huwa uffiċċju jew faċilità determinati minn fornituri tas-servizz universali fl-Istat Membru tad-destinazzjoni għall-għoti ta' oġġetti postali domestiċi għajr għall-oġġetti ta' korrispondenza.*

*imħassar*

Or. en

## **Emenda 23**

### **Proposta għal regolament Premessa 19a (ġdida)**

*Test propost mill-Kummissjoni*

*Emenda*

*(19a) Minkejja li sar xi ftit progress bl-użu ta' miżuri volontarji permezz tal-Pjan Direzzjonali tal-Kummissjoni għat-tlestija tas-Suq Uniku għall-konsenja tal-pakketti (2013), huwa ċar li hemm bżonn ta' aktar azzjoni għall-benefiċċju tal-utenti. F'każijiet transfruntiera, ir-rekwiżit li l-kummerċjanti jipprovdu informazzjoni*

*addizzjonali dwar l-arranġamenti u l-għażliet alternattivi għall-konsenja tal-pakketti se jgħin f'dan ir-rigward. Barra minn hekk, huwa partikolarment importanti li l-utenti jiġu diretti, fejn meħtieġ, lejn informazzjoni adegwata dwar il-mekkaniżmi tal-ilmenti inklużi dawk tan-Netwerk taċ-Ċentri Ewropej tal-Konsumaturi u fir-rigward ta' mekkaniżmi alternattivi ta' soluzzjoni tat-tilwim inkluża l-pjattaforma fl-UE kollha għas-soluzzjoni online tat-tilwim.*

Or. en

## **Emenda 24**

### **Proposta għal regolament Premessa 19b (ġdida)**

*Test propost mill-Kummissjoni*

*Emenda*

*(19b) Minkejja talbiet formali pendenti, l-iżvilupp ta' servizz ta' kwalità u ta' standards tekniċi għall-konsenji tal-pakketti transfruntiera mexxa bil-mod u jeħtieġ aktar promozzjoni attiva. Jenħtieġ li din il-ħidma tqis b'mod b'mod partikolari l-interessi tal-utenti, u l-kunsiderazzjonijiet tal-effiċjenza u dawk ambjentali.*

Or. en

## **Emenda 25**

### **Proposta għal regolament Premessa 21**

*Test propost mill-Kummissjoni*

*Emenda*

(21) Peress li s-swieq għas-servizzi ta' konsenja tal-pakketti qed jinbidlu b'ħeffa, il-Kummissjoni għandha tivvaluta mill-ġdid l-effiċjenza u l-effettività ta' dan ir-

(21) Peress li s-swieq għas-servizzi ta' konsenja tal-pakketti qed jinbidlu b'ħeffa, il-Kummissjoni għandha tivvaluta mill-ġdid l-effiċjenza u l-effettività ta' dan ir-

Regolament u tissottometti rapport regolari lill-Parlament Ewropew u lill-Kunsill. Dan ir-rapport għandu jkun akkumpanjat, fejn xieraq, bi proposti għal reviżjoni lill-Parlament Ewropew u lill-Kunsill.

Regolament u tissottometti rapport regolari *ta' evalwazzjoni* lill-Parlament Ewropew u lill-Kunsill. Dan ir-rapport għandu jkun akkumpanjat, fejn xieraq, bi proposti *leġislattivi* għal reviżjoni lill-Parlament Ewropew u lill-Kunsill. *Dan ir-rapport jenħtieġ li jiġi prodott wara konsultazzjoni mal-partijiet ikkonċernati xierqa kollha inkluż il-Kumitat ta' Djalogu soċjali għas-settur postali.*

Or. en

## Emenda 26

### Proposta għal regolament Premessa 22

#### *Test propost mill-Kummissjoni*

(22) Sabiex *ikunu żgurati kundizzjonijiet uniformi għall-implimentazzjoni tal-obbligu li l-fornituri* ta' konsenja tal-pakketti *jissottometu* informazzjoni lill-awtoritajiet regolatorji nazzjonali, *għandhom jingħataw setgħat ta' implimentazzjoni* lill-Kummissjoni *biex tistabilixxi formula għat-tressiq ta' informazzjoni bħal din. Jenħtieġ li daww is-setgħat jiġu eżerċitati f'konformità mar-Regolament (UE) Nru 182/2011 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill.*

#### *Emenda*

(22) Sabiex *jiġu stabbiliti l-obbligi speċifiċi għall-fornituri tas-servizzi* ta' konsenja tal-pakketti *kollha fir-rigward tal-għoti ta'* informazzjoni lill-awtoritajiet regolatorji nazzjonali, *is-setgħa li jiġu adottati atti f'konformità mal-Artikolu 290 tat-TFUE għandha tiġi ddelegata* lill-Kummissjoni *fir-rigward tal-formula għas-sottomissjoni tal-informazzjoni pprovduta mill-fornituri tas-servizzi ta' konsenja tal-pakketti lill-awtoritajiet regolatorji nazzjonali. Huwa ta' importanza partikolari li l-Kummissjoni twettaq konsultazzjonijiet xierqa waqt il-ħidma preparatorja tagħha, inkluż fil-livell tal-esperti, u li daww il-konsultazzjonijiet isiru skont il-prinċipji stabbiliti fil-Ftehim Interistituzzjonali tat-13 ta' April 2016 dwar it-Tfassil Aħjar tal-Liġijiet\*. B'mod partikolari, biex tiġi żgurata parteċipazzjoni ugwali fit-tħejjija tal-atti delegati, il-Parlament Ewropew u l-Kunsill jirċievu d-dokumenti kollha fl-istess ħin li jirċievuhom l-esperti tal-Istati Membri, u l-esperti tagħhom b'mod sistematiku jkollhom aċċess għal-laqgħat tal-gruppi tal-esperti tal-Kummissjoni li*

*jkunu qed jittrattaw it-thejjja tal-atti delegati.*

---

<sup>50</sup> *Regolament (UE) Nru 182/2011 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tas-16 ta' Frar 2011 li jistabbilixxi r-regoli u l-prinċipji ġenerali dwar il-modalitajiet ta' kontroll mill-Istati Membri tal-eżerċizzju mill-Kummissjoni tas-setgħat ta' implimentazzjoni (ĠU L 55, 28.2.2011, p. 13 - 18).*

---

\* ĠU L 123, 12.5.2016, p. 1.

Or. en

### *Ġustifikazzjoni*

*Din l-Emenda għandha l-għan li tiżgura konsistenza mal-Artikolu 9a ġdid dwar l-eżerċitar tas-setgħa delegata mill-Kummissjoni.*

### **Emenda 27**

#### **Proposta għal regolament Premessa 24a (ġdida)**

*Test propost mill-Kummissjoni*

*Emenda*

*(24a) L-Istati Membri għandhom jistabbilixxu regoli dwar il-penali applikabbli għall-ksur ta' dan ir-Regolament u jiżguraw li dawn jiġu implimentati. Dawn il-penali jenħtieġ li jkunu effettivi, proporzjonati u dissważivi.*

Or. en

### **Emenda 28**

#### **Proposta għal regolament Premessa 25**

*Test propost mill-Kummissjoni*

*Emenda*

(25) Peress li l-għanijiet ta' dan ir-Regolament, jiġifieri li **jistabbilixxi l-prinċipji regolatorji u r-regoli meħtieġa**

(25) Peress li l-għanijiet ta' dan ir-Regolament, jiġifieri li **tintlaħaq aċċessibilità aħjar għall-utenti għal**

*biex tittejjeb is-sorveljanza regolatorja, biex tittejjeb it-trasparenza tal-prezzijiet u biex ikunu stabbiliti ċerti prinċipji fir-rigward tas-servizzi tal-konsenja tal-pakketti transfruntiera li għandhom jappoġġaw il-kompetizzjoni, ma jistgħux jinkisbu b'mod suffiċjenti mill-Istati Membri u jistgħu għalhekk, minħabba l-iskala u l-effetti tagħhom, jinkisbu aħjar fil-livell tal-Unjoni, l-Unjoni tista' tadotta miżuri f'konformità mal-prinċipju tas-sussidjarjetà kif stabbilit fl-Artikolu 5 tat-Trattat dwar l-Unjoni Ewropea. F'konformità mal-prinċipju tal-proporzjonalità, kif stabbilit f'dak l-Artikolu, dan ir-Regolament ma jmurx lil hinn minn dak li hu meħtieġ biex jintlaħaq dak l-għan.*

*servizzi tal-konsenja tal-pakketti transfruntiera li huma effiċjenti u affordabbli, ma jistgħux jintlaħqu b'mod suffiċjenti mill-Istati Membri u jistgħu għalhekk, minħabba l-iskala u l-effetti tagħhom, jinkisbu aħjar fil-livell tal-Unjoni, l-Unjoni tista' tadotta miżuri f'konformità mal-prinċipju tas-sussidjarjetà kif stabbilit fl-Artikolu 5 tat-Trattat dwar l-Unjoni Ewropea. B'konformità mal-prinċipju tal-proporzjonalità, kif stabbilit fl-istess Artikolu, dan ir-Regolament ma jmurx lil hinn minn dak li hu meħtieġ biex jintlaħqu dawk l-għanijiet.*

Or. en

## Emenda 29

### Proposta għal regolament Kapitolu 1 – titolu

*Test propost mill-Kummissjoni*

Is-suġġett u d-definizzjonijiet

*Emenda*

Is-suġġett, *l-objettivi* u d-definizzjonijiet

Or. en

## Emenda 30

### Proposta għal regolament Artikolu 1 – titolu

*Test propost mill-Kummissjoni*

Suġġett

*Emenda*

Suġġett *u objettivi*

Or. en

## Emenda 31

### Proposta għal regolament Artikolu 1 – paragrafu 1 – parti introduttorja

*Test propost mill-Kummissjoni*

Dan ir-Regolament jistabbilixxi **regoli** speċifiċi, flimkien **mar-regoli** stabbiliti fid-Direttiva 97/67/KE, fir-rigward ta':

*Emenda*

**Sabiex tintlaħaq aċċessibilità aħjar għall-utenti għal servizzi ta' konsenja tal-pakketti transfruntiera effiċjenti u affordabbli**, dan ir-Regolament jistabbilixxi **dispożizzjonijiet** speċifiċi, flimkien **mad-dispożizzjonijiet** stabbiliti fid-Direttiva 97/67/KE, fir-rigward ta':

Or. en

## Emenda 32

### Proposta għal regolament Artikolu 1 – paragrafu 1 – punt ba (ġdid)

*Test propost mill-Kummissjoni*

**(ba) it-trasparenza tal-informazzjoni u tal-prezzijiet għall-utenti tas-servizzi ta' konsenja tal-pakketti transfruntiera;**

Or. en

## Emenda 33

### Proposta għal regolament Artikolu 1 – paragrafu 1 – punt bb (ġdid)

*Test propost mill-Kummissjoni*

**(bb) il-promozzjoni ta' aktar armonizzazzjoni tal-kwalità rilevanti tas-servizz u tal-istandards tekniċi.**

Or. en



## Emenda 34

### Proposta għal regolament Artikolu 1 – paragrafu 1 – punt c

*Test propost mill-Kummissjoni*

*Emenda*

(c) *l-aċċess trasparenti u mhux diskriminatorju għal ċerti servizzi u/jew infrastruttura tal-konsenja tal-pakketti transfruntiera.*

*imħassar*

Or. en

## Emenda 35

### Proposta għal regolament Artikolu 2 – paragrafu 2 – punt -a (ġdid)

*Test propost mill-Kummissjoni*

*Emenda*

(-a) *"pakkett" tfisser oġġett postali, għajr oġġett ta' korrispondenza, b'piż ta' mhux aktar minn 31.5 kg;*

Or. en

### *Ġustifikazzjoni*

*Jeħtieġ li tiġi inkluża definizzjoni aktar preċiża ta' "pakkett"; din id-definizzjoni hija konformi mad-definizzjonijiet rilevanti fid-Direttiva 97/67/KE iżda tespandi fuqhom.*

## Emenda 36

### Proposta għal regolament Artikolu 2 – paragrafu 2 – punt a

*Test propost mill-Kummissjoni*

*Emenda*

(a) *"servizzi ta' konsenja tal-pakketti" tfisser servizzi li jinvolvu il-ġbir, l-issortjar, it-trasport jew it-tqassim ta' oġġetti postali oħra għajr għall-oġġetti ta' korrispondenza; it-trasport waħdu ma*

(a) *"servizzi ta' konsenja tal-pakketti" tfisser servizzi li jinvolvu il-ġbir, l-issortjar, it-trasport jew it-tqassim ta' pakketti;*

*għandux jitqies bħala servizz ta' konsenja tal-pakketti; il-konsenja ta' oġġetti bħal dawn li jaqbżu l-31.5 kg ma għandhiex titqies bħala servizz ta' konsneja tal-pakketti;*

Or. en

### Emenda 37

#### Proposta għal regolament Artikolu 2 – paragrafu 2 – punt ba (ġdid)

*Test propost mill-Kummissjoni*

*Emenda*

*(ba) "sottokuntrattur" tfisser impriża li ttiprovdi l-ġbir, l-issortjar, it-trasport jew it-tqassim ta' pakketti għall-fornitur tas-servizzi ta' konsenja tal-pakketti;*

Or. en

### Emenda 38

#### Proposta għal regolament Artikolu 2 – paragrafu 2 – punt c

*Test propost mill-Kummissjoni*

*Emenda*

(c) "rati terminali" tfisser pagamenti mill-fornitur tas-servizz **oriġinali** ta' oriġini lill-fornitur tas-servizz **universali** tad-destinazzjoni għall-ispejjeż tas-servizzi ta' konsenja tal-pakketti transfruntiera fl-Istat Membru ta' destinazzjoni.

(c) "rati terminali" tfisser pagamenti mill-fornitur tas-servizz **ta' konsenja tal-pakketti** ta' oriġini lill-fornitur tas-servizz **ta' konsenja tal-pakketti** tad-destinazzjoni **jew, fejn applikabbli, lill-intermedjarji** għall-ispejjeż tas-servizzi ta' konsenja tal-pakketti transfruntiera fl-Istat Membru ta' destinazzjoni.

Or. en

## Emenda 39

### Proposta għal regolament Artikolu 2 – paragrafu 2 – punt ca (ġdid)

*Test propost mill-Kummissjoni*

*Emenda*

*(ca) "kummerċjant" tfisser kwalunkwe persuna fiżika jew kwalunkwe persuna ġuridika, indipendentement mill-fatt li tkun suġġett pubbliku jew privat, li taġixxi, anki permezz ta' kwalunkwe persuna oħra li tkun qed taġixxi f'isimha jew għall-interessi tagħha, għal finijiet relatati mal-kummerċ, in-negozju, is-sengħa jew il-professjoni tagħha b'rabta mas-servizzi ta' konsenja tal-pakketti transfruntiera koperti minn dan ir-Regolament;*

Or. en

### *Ġustifikazzjoni*

*Din id-definizzjoni hija konformi mad-definizzjoni ta' "kummerċjant" fid-Direttiva 2011/83/UE.*

## Emenda 40

### Proposta għal regolament Artikolu 2a (ġdid)

*Test propost mill-Kummissjoni*

*Emenda*

### *Article 2 a*

#### *Livell ta' armonizzazzjoni*

*Ir-rekwiżiti stabbiliti f'dan ir-Regolament huma r-rekwiżiti minimi u ma għandhom jipprevjenu lill-ebda Stat Membru milli jżomm jew jintroduċi miżuri addizzjonali, sabiex jiksbu aċċessibilità aħjar għall-utenti għal servizzi ta' konsenja tal-pakketti transfruntiera effiċjenti u affordabbli. Tali miżuri għandhom ikunu kompatibbli mad-dritt tal-Unjoni.*

## Emenda 41

### Proposta għal regolament Artikolu 3 – paragrafu 1 – punt a

*Test propost mill-Kummissjoni*

(a) l-isem tal-fornitur, l-istatus u l-forma ġuridika tiegħu, in-numru tar-reġistrazzjoni f'reġistru kummerċjali jew f'reġistru simili, in-numru tal-VAT, l-indirizz tal-istabbiliment u persuna ta' kuntatt;

*Emenda*

(a) l-isem tal-fornitur ***tas-servizz ta' konsenja tal-pakketti***, l-istatus u l-forma ġuridika tiegħu, in-numru tar-reġistrazzjoni f'reġistru kummerċjali jew f'reġistru simili, in-numru ***ta' identifikazzjoni*** tal-VAT, l-indirizz tal-istabbiliment u persuna ta' kuntatt;

Or. en

## Emenda 42

### Proposta għal regolament Artikolu 3 – paragrafu 1 – punt b

*Test propost mill-Kummissjoni*

(b) ***in-natura*** tas-servizzi offruti mill-fornitur;

*Emenda*

(b) ***id-deskrizzjoni dettaljata*** tas-servizzi ***ta' konsenja tal-pakketti*** offruti mill-fornitur ***tas-servizzi ta' konsenja tal-pakketti, inkluża informazzjoni preċiża dwar l-għażliet għall-utenti***;

Or. en

## Emenda 43

### Proposta għal regolament Artikolu 3 – paragrafu 1 – punt c

*Test propost mill-Kummissjoni*

(c) ***il-kundizzjonijiet*** ġenerali ***ta' bejgħ tal-fornituri***, inkluża deskrizzjoni dettaljata

*Emenda*

(c) ***it-termini u l-kundizzjonijiet*** ġenerali ***tal-fornituri tas-servizz ta' konsenja tal-pakketti għas-servizzi ta'***

tal-proċedura ta' ilment.

**konsenja tal-pakketti**, inkluża deskrizzjoni dettaljata tal-proċedura ta' ilment **għall-utenti**.

Or. en

#### **Emenda 44**

##### **Proposta għal regolament Artikolu 3 – paragrafu 2**

*Test propost mill-Kummissjoni*

2. F'każ ta' kwalunkwe bidla li tikkonċerna l-informazzjoni msemmija **fl-ewwel subparagrafu**, il-fornituri tas-servizzi ta' konsenja tal-pakketti għandu jinforma lill-awtorità regolatorja nazzjonali dwar dan it-tibdil fi żmien 30 jum.

*Emenda*

2. F'każ ta' kwalunkwe bidla li tikkonċerna l-informazzjoni msemmija **fil-paragrafu 1**, il-fornituri tas-servizzi ta' konsenja tal-pakketti għandu jinforma lill-awtorità regolatorja nazzjonali dwar dan it-tibdil fi żmien 30 jum.

Or. en

#### **Emenda 45**

##### **Proposta għal regolament Artikolu 3 – paragrafu 3 – parti introduttorja**

*Test propost mill-Kummissjoni*

3. **Sal-31** ta' **Marzu** ta' kull sena kalendarja, il-fornituri kollha tas-servizzi tal-konsenja tal-pakketti għandhom jissottomettu din l-informazzjoni li ġejja lill-awtorità regolatorja nazzjonali tal-Istat Membru fejn huma stabbiliti:

*Emenda*

3. **Sat-30** ta' **April** ta' kull sena kalendarja, il-fornituri kollha tas-servizzi tal-konsenja tal-pakketti għandhom jissottomettu din l-informazzjoni li ġejja lill-awtorità regolatorja nazzjonali tal-Istat Membru fejn huma stabbiliti:

Or. en

#### **Emenda 46**

##### **Proposta għal regolament Artikolu 3 – paragrafu 3 – punt a**

*Test propost mill-Kummissjoni*

(a) il-fatturat annwali f'servizzi ta' konsenja tal-pakketti għas-sena kalendarja preċedenti fl-Istat Membru fejn huwa stabbilit il-fornitur, maqsum f'servizzi ta' konsenja tal-pakketti b'rabta ma' oġġetti postali transfruntiera **nazzjonali**, li **kunu** qed jaslu u li jkunu qed jiġu mibgħuta;

*Emenda*

(a) il-fatturat annwali f'servizzi ta' konsenja tal-pakketti għas-sena kalendarja preċedenti fl-Istat Membru fejn huwa stabbilit il-fornitur **tas-servizzi ta' konsenja tal-pakketti**, maqsum f'servizzi ta' konsenja tal-pakketti b'rabta ma' oġġetti postali transfruntiera **domestiċi**, li **jkunu** qed jaslu u li jkunu qed jiġu mibgħuta;

Or. en

**Emenda 47**

**Proposta għal regolament  
Artikolu 3 – paragrafu 3 – punt b**

*Test propost mill-Kummissjoni*

(b) l-għadd ta' persuni li jaħdmu għall-fornitur u li huma involuti fl-għoti ta' servizzi ta' konsenja tal-pakketti fl-Istat Membru li fih huwa stabbilit il-fornitur huwa stabbilit **fis-sena** kalendarja preċedenti

*Emenda*

(b) l-għadd ta' persuni li jaħdmu **kemm direttament kif ukoll indirettament** għall-fornitur **tas-servizzi ta' konsenja tal-pakketti** u li huma involuti fl-għoti ta' servizzi ta' konsenja tal-pakketti fl-Istat Membru li fih huwa stabbilit il-fornitur huwa stabbilit **matul is-sena** kalendarja preċedenti; **din l-informazzjoni għandha tinkludi tqassim trimestrali permezz ta' referenza għall-istatus tal-impjeg, inkluż jekk hux full-time, part-time, temporanju, fuq bażi ta' sığhat mhux garantiti jew bħala persuna li taħdem għal rasha u għandha tkopri wkoll lill-persuni li jaħdmu għal sottokuntratturi jew kumpaniji li lilhom il-fornitur tas-servizzi ta' konsenja tal-pakketti jesternalizza l-għbir, l-issortjar, it-trasport jew it-tqassim ta' pakketti.**

Or. en

## Emenda 48

### Proposta għal regolament Artikolu 3 – paragrafu 3 – punt c

*Test propost mill-Kummissjoni*

(c) l-għadd *ta' oġġetti postali domestiċi oħra għajr għal oġġetti ta' korrispondenza u li ma jaqbżux il-31.5 kg ġestiti* fl-Istat Membru li fih ikun stabbilit il-fornitur *fis-sena kalendarja preċedenti*, maqsuma *f'oġġetti* postali transfruntiera *nazzjonali*, li *kunu* qed jaslu u li jkunu qed jiġu mibgħuta.

*Emenda*

(c) l-għadd *ta' pakketti ġestiti matul is-sena kalendarja preċedenti* fl-Istat Membru li fih ikun stabbilit il-fornitur *tas-servizzi ta' konsenja tal-pakketti*, maqsuma *f'oġġetti* postali transfruntiera *domestiċi*, li *jkunu* qed jaslu u li jkunu qed jiġu mibgħuta.

Or. en

## Emenda 49

### Proposta għal regolament Artikolu 3 – paragrafu 4

*Test propost mill-Kummissjoni*

4. Il-Kummissjoni għandha, *permezz ta' att ta' implimentazzjoni*, tistabbilixxi formula għas-sottomissjoni tal-informazzjoni msemmija fil-paragrafu 1 *ta' dan l-Artikolu. Dawk l-atti ta' implimentazzjoni għandhom jiġu adottati skont il-proċedura ta' eżami msemmija fl-Artikolu 9.*

*Emenda*

4. Il-Kummissjoni għandha *tadotta atti delegati skont l-Artikolu 9a sabiex* tistabbilixxi formula għas-sottomissjoni tal-informazzjoni msemmija fil-paragrafu 1 *u 3 ta' dan l-Artikolu.*

Or. en

## Emenda 50

### Proposta għal regolament Artikolu 3 – paragrafu 5

*Test propost mill-Kummissjoni*

5. L-awtoritajiet regolatorji nazzjonali jistgħu jimponu rekwiżiti ta' informazzjoni addizzjonali ma' dawk imsemmija fil-

*Emenda*

5. L-awtoritajiet regolatorji nazzjonali jistgħu jimponu rekwiżiti ta' informazzjoni addizzjonali ma' dawk imsemmija fil-

paragrafi 1 u **2 fejn ikunu meħtieġa** biex tkun żgurata l-konformità ma' dan ir-Regolament.

paragrafi 1 u **3** biex tkun żgurata l-konformità ma' dan ir-Regolament **sakemm dawk ir-rekwiżiti jkunu meħtieġa u proporzjonati.**

Or. en

## Emenda 51

### Proposta għal regolament Artikolu 3 – paragrafu 6

*Test propost mill-Kummissjoni*

6. **Fornitur** tas-servizzi ta' konsenja tal-pakketti li **jimpjega anqas minn 50 persuna ma għandux** ikun **soġġett għall-obbligi tal-paragrafi 1 u 2**, sakemm il-fornitur ma jkunx stabbilit f'aktar minn Stat Membru wieħed.

*Emenda*

6. **Dan l-Artikolu m'għandux japplika għal fornitur** tas-servizzi ta' konsenja tal-pakketti li, **flimkien ma' kwalunkwe sussidjarja u impriża konġunta**, ikun **impjega, matul is-sena kalendarja preċedenti, medja ta' anqas minn 20 persuna**, sakemm **dak** il-fornitur ma jkunx stabbilit f'aktar minn Stat Membru wieħed. **L-għadd medju ta' persuni għandu jinkludi lil dawk kollha li jaħdmu fuq bażi full-time, part-time, temporanja, sghat mhux garantiti u dawk li jaħdmu għal rashom.**

Or. en

## Emenda 52

### Proposta għal regolament Artikolu 4 – titolu

*Test propost mill-Kummissjoni*

It-trasparenza tat-tariffi u r-rati terminali

*Emenda*

It-trasparenza tat-tariffi **transfruntiera** u r-rati terminali

Or. en



## Emenda 53

### Proposta għal regolament Artikolu 4 – paragrafu 1

*Test propost mill-Kummissjoni*

1. *Fornituri tas-servizz universali* li *jipprovdu servizzi ta' konsenja tal-pakketti* għandhom jipprovdu lill-awtorità regolatorja nazzjonali tal-Istat Membru fejn huma stabbiliti b'lista pubblika ta' tariffi applikabbli fl-1 ta' Jannar ta' kull sena kalendarja għall-konsenja ta' oġġetti postali li jaqgħu fil-kategoriji elenkati fl-Anness. Dak it-tagħrif għandu jingħata sa mhux aktar tard *mill-31* ta' *Jannar* ta' kull sena.

*Emenda*

1. *Il-fornituri tas-servizzi ta' konsenja tal-pakketti transfruntiera kollha* li *jaqgħu fil-kamp ta' applikazzjoni tal-Artikolu 3* għandhom jipprovdu lill-awtorità regolatorja nazzjonali tal-Istat Membru fejn huma stabbiliti b'lista pubblika ta' tariffi applikabbli fl-1 ta' Jannar ta' kull sena kalendarja għall-konsenja ta' oġġetti postali li jaqgħu fil-kategoriji elenkati fl-Anness. Dak it-tagħrif għandu jingħata sa mhux aktar tard *mit-28* ta' *Frar* ta' kull sena *kalendarja*.

Or. en

## Emenda 54

### Proposta għal regolament Artikolu 4 – paragrafu 2

*Test propost mill-Kummissjoni*

2. L-awtoritajiet regolatorji nazzjonali għandhom, bla dewmien u sa mhux aktar tard *mit-28* ta' *Frar* ta' kull sena kalendarja, *jissottometu* l-listi pubbliċi tat-tariffi pubbliċi miksuba skont il-paragrafu 1 lill-Kummissjoni. Il-Kummissjoni għandha tippubblikahom fuq is-sit web apposta sa mhux aktar tard mit-30 ta' April ta' kull sena kalendarja.

*Emenda*

2. L-awtoritajiet regolatorji nazzjonali għandhom, bla dewmien u sa mhux aktar tard *mill-31* ta' *Marzu* ta' kull sena kalendarja, *jissottomettu* l-listi pubbliċi tat-tariffi pubbliċi miksuba skont il-paragrafu 1 lill-Kummissjoni. Il-Kummissjoni għandha tippubblikahom fuq is-sit web apposta sa mhux aktar tard mit-30 ta' April ta' kull sena kalendarja.

Or. en

## Emenda 55

### Proposta għal regolament Artikolu 4 – paragrafu 3

*Test propost mill-Kummissjoni*

3. Fornituri ta' servizz **universali** li **jipprovdu servizzi ta' konsenja tal-pakketti** għandhom jipprovdi lill-awtorità regolatorja nazzjonali bir-rati terminali applikabbli fl-1 ta' Jannar ta' kull sena kalendarja għal oġġetti postali li joriġinaw minn Stati Membri oħra. Dak it-tagħrif għandu jingħata sa mhux aktar tard **mill-31** ta' **Jannar** ta' kull sena.

*Emenda*

3. Fornituri ta' servizz **ta' konsenja tal-pakketti transfruntiera kollha** li **jaqgħu fil-kamp ta' applikazzjoni tal-Artikolu 3** għandhom jipprovdi lill-awtorità regolatorja nazzjonali bir-rati terminali applikabbli fl-1 ta' Jannar ta' kull sena kalendarja għal oġġetti postali li joriġinaw minn Stati Membri oħra. Dak it-tagħrif għandu jingħata sa mhux aktar tard **mit-28** ta' **Frar** ta' kull sena **kalendarja**.

Or. en

**Emenda 56**

**Proposta għal regolament  
Artikolu 4 – paragrafu 4**

*Test propost mill-Kummissjoni*

4. L-awtoritajiet regolatorji nazzjonali għandhom **jissottometu** r-rati terminali miksuba f'konformità mal-paragrafu 3 lill-Kummissjoni u lill-awtoritajiet regolatorji nazzjonali tal-Istat Membru ta' oriġini sa mhux aktar tard **mit-28** ta' **Frar** ta' kull sena.

*Emenda*

4. L-awtoritajiet regolatorji nazzjonali għandhom **jissottomettu** r-rati terminali miksuba f'konformità mal-paragrafu 3 lill-Kummissjoni u lill-awtoritajiet regolatorji nazzjonali tal-Istat Membru ta' oriġini sa mhux aktar tard **mill-31** ta' **Marzu** ta' kull sena **kalendarja**.

Or. en

**Emenda 57**

**Proposta għal regolament  
Artikolu 5 – paragrafu 1 – parti introduttorja**

*Test propost mill-Kummissjoni*

1. L-awtorità regolatorja nazzjonali għandha **tivvaluta l-affordabbiltà** tat-tariffi transfruntiera inklużi fil-listi pubbliċi ta' tariffi miksuba skont l-Artikolu 4(1) fi żmien **3** xhur mill-wasla ta' dik l-

*Emenda*

1. L-awtorità regolatorja nazzjonali għandha **twettaq valutazzjoni inizjali tal-affordabbiltà** tat-tariffi transfruntiera inklużi fil-listi pubbliċi ta' tariffi miksuba skont l-Artikolu 4(1) fi żmien **tliet** xhur

informazzjoni. *F'dik* il-valutazzjoni, *għandhom jitqiesu b'mod partikolari l-elementi li ġejjin:*

mill-wasla ta' dik l-informazzjoni. *L-għan ta' dik* il-valutazzjoni *għandu jkun li tivvaluta jekk l-ispiża għall-individwi u għall-intrapriżi iżgħar u ta' daqs medju hijiex affordabbli u sa liema punt l-adozzjoni tas-servizzi ta' konsenja tal-pakketti transfruntiera hija affettwata mit-tariffi transfruntiera applikabbli.*

Or. en

## **Emenda 58**

**Proposta għal regolament  
Artikolu 5 – paragrafu 1 – punt a**

*Test propost mill-Kummissjoni*

*Emenda*

*(a) it-tariffi domestiċi tas-servizzi ta' konsenja tal-pakketti komparabbli fl-Istat Membru ta' oriġini u fl-Istat Membru tad-destinazzjoni;*

*imħassar*

Or. en

## **Emenda 59**

**Proposta għal regolament  
Artikolu 5 – paragrafu 1 – punt b**

*Test propost mill-Kummissjoni*

*Emenda*

*(b) ir-rati terminali miksuba f'konformità mal-Artikolu 4(3);*

*imħassar*

Or. en

## **Emenda 60**

**Proposta għal regolament  
Artikolu 5 – paragrafu 1 – punt c**

*Test propost mill-Kummissjoni*

*Emenda*

**(c) kwalunkwe applikazzjoni ta' tariffa uniformi lil żewġ Stati Membri jew aktar.**

***imħassar***

Or. en

## **Emenda 61**

### **Proposta għal regolament Artikolu 5 – paragrafu 2**

*Test propost mill-Kummissjoni*

*Emenda*

**2. Fejn l-awtorità regolatorja nazzjonali tikkonkludi li t-tariffi transfruntiera msemija fil-paragrafu 1 mhumiex affordabbli, għandha titlob iktar informazzjoni u/jew ġustifikazzjoni meħtieġa b'rabta mal-livell ta' dawk it-tariffi mill-fornitur tas-servizz universali.**

**2. Fit-twettiq tal-valutazzjoni inizjali tagħha msemija fil-paragrafu 1, l-awtorità regolatorja nazzjonali għandha b'mod partikolari tqis l-impatt probabbli tat-tariffi transfruntiera applikabbli fuq dawn li ġejjin:**

**(a) utenti individwali li d-dħul disponibbli tagħhom huwa ffit;**

**(b) utenti individwali li għandhom diżabilità u dawk b'mobbiltà mnaqqsa;**

**(c) utenti individwali u dawk tal-intrapriżi żgħar u ta' daqs medju li jgħixu jew jinsabu f'żoni remoti jew b'popolazzjoni baxxa mifruxa; u**

**(d) utenti individwali u dawk tal-intrapriżi żgħar u ta' daqs medju li b'mod regolari jużaw is-servizzi ta' konsenja tal-pakketti.**

Or. en

## **Emenda 62**

### **Proposta għal regolament Artikolu 5 – paragrafu 3**

*Test propost mill-Kummissjoni*

3. ***Il-fornitur tas-servizz universali għandu jipprovd lill-awtorità*** regolatorja nazzjonali ***bl-informazzjoni u/jew*** ġustifikazzjoni ***msemmija fil-paragrafu 2*** ***fi żmien 15-il jum xogħol minn meta tasal it-talba.***

*Emenda*

3. ***Wara l-valutazzjoni inizjali msemmija fil-paragrafu 1, l-awtorità*** regolatorja nazzjonali ***tista' titlob mingħand il-fornitur tas-servizzi ta' konsenja tal-pakketti*** ġustifikazzjoni ***bbażata fuq evidenza tal-livell ta' dawk it-tariffi, bħalma huma l-ispejjeż speċifiċi tat-trasport jew tal-ġestjoni u l-volumi bilaterali bejn fornituri tas-servizz ta' konsenja tal-pakketti transfruntiera differenti.***

Or. en

### **Emenda 63**

#### **Proposta għal regolament Artikolu 5 – paragrafu 4**

*Test propost mill-Kummissjoni*

4. ***L-awtorità regolatorja nazzjonali għandha tippreżenta l-valutazzjoni tagħha, inkluża kwalunkwe informazzjoni u/jew ġustifikazzjoni mogħtija skont il-paragrafu 3, lill-Kummissjoni, lill-awtoritajiet regolatorji nazzjonali tal-Istati Membri l-oħra u l-awtoritajiet nazzjonali fi ħdan l-Istat Membru tal-awtorità*** regolatorja nazzjonali ***li tkun qed tissottometi fdata bl-implimentazzjoni tal-liġi dwar il-kompetizzjoni. Verżjoni mhux kunfidenzjali ta' dik il-valutazzjoni għandha tingħata wkoll lill-Kummissjoni. Dak it-tagħrif għandu jingħata sa mhux aktar tard mill-31 ta' Jannar ta' kull sena kalendarja.***

*Emenda*

4. ***Il-fornitur tas-servizz ta' konsenja tal-pakketti għandu jipprovd lill-awtorità*** regolatorja nazzjonali ***l-ġustifikazzjoni msemmija fil-paragrafu 3 ta' dan l-Artikolu fi żmien xahar minn meta tasal it-talba.***

Or. en

## Emenda 64

### Proposta għal regolament Artikolu 5 – paragrafu 5

*Test propost mill-Kummissjoni*

5. *Il-Kummissjoni għandha tippubblika l-verżjoni mhux kunfidenzjali tal-valutazzjoni mogħtija mill-awtoritajiet regolatorji nazzjonali f'konformità mal-paragrafu 4 fuq is-sit apposta sa mhux aktar tard mit-30 ta' April ta' kull sena kalendarja.*

*Emenda*

5. *L-awtorità regolatorja nazzjonali għandha tressaq sa mhux aktar tard mill-31 ta' Lulju tas-sena kalendarja rilevanti l-valutazzjoni ulterjuri tagħha, inkluża kwalunkwe ġustifikazzjoni pprovduta skont il-paragrafu 3 ta' dan l-Artikolu, lill-Kummissjoni. Barra minn hekk, l-awtorità regolatorja nazzjonali għandha ttipprovi verżjoni mhux kunfidenzjali tal-valutazzjoni tagħha lill-Kummissjoni.*

Or. en

## Emenda 65

### Proposta għal regolament Artikolu 5 – paragrafu 5a (ġdid)

*Test propost mill-Kummissjoni*

5a. *Il-Kummissjoni għandha tippubblika l-verżjoni mhux kunfidenzjali tal-valutazzjoni pprovduta mill-awtoritajiet regolatorji nazzjonali mingħajr dewmien u fi kwalunkwe każ fi żmien xahar mill-wasla tagħha.*

Or. en

## Emenda 66

### Proposta għal regolament Artikolu 6

*Test propost mill-Kummissjoni*

*Artikolu 6*

*L-aċċess transfruntier trasparenti u mhux*

*Emenda*

*imħassar*

## *diskriminatorju*

*1. Kull fejn il-fornituri tas-servizz universali li jipprovdu servizzi ta' konsenja tal-pakketti jikkonkludu ftehimiet multilaterali dwar rati terminali għandhom jissodisfaw it-talbiet raġonevoli kollha għall-aċċess għall-elementi kollha tan-netwerk u l-faċilitajiet assoċjati miegħu kif ukoll servizzi rilevanti u sistemi tal-informazzjoni, meħtieġa għall-forniment ta' servizzi transfruntiera ta' konsenja tal-pakketti.*

*2. Il-punt li fih għandu jingħata aċċess għandu jkun l-uffiċċju tad-dħul ta' skambju fl-Istat Membru tad-destinazzjoni*

*3. Il-fornituri tas-servizz universali msemmija fil-paragrafu 1 għandhom jippubblikaw offerta ta' referenza. L-offerta ta' referenza għandha tinkludi t-termini u l-kundizzjonijiet assoċjati rilevanti kollha, inklużi l-prezzijiet.*

*4. L-offerta ta' referenza għandha tinkludi l-komponenti kollha meħtieġa għall-aċċess kif imsemmi fil-paragrafu 1, inkluża kwalunkwe kundizzjoni li tillimita l-aċċess għal u/jew l-użu ta' servizzi fejn kundizzjonijiet bħal dawn huma permessi mill-Istati Membri f'konformità mal-liġi tal-Unjoni.*

*5. Qabel ma tiġi ppubblikata l-offerta ta' referenza, din għandha tkun approvata mill-awtorità regolatorja nazzjonali. L-awtorità regolatorja nazzjonali tista', fejn ikun meħtieġ, timponi bidliet fl-offerta ta' referenza biex jingħata effett lill-obbligi stabbiliti f'dan ir-Regolament.*

*6. Il-fornituri tas-servizz universali msemmija fil-paragrafu 1 għandhom, meta mitluba, u abbażi ta' offerta ta' referenza, jagħmlu offerta individwali disponibbli għal fornitur tas-servizz ta' konsenja tal-pakketti li jitlob aċċess fit-tifsira ta' dak il-paragrafu sa mhux aktar tard minn xahar wara li tasal it-talba. Fornituri tas-servizz universali li jirċievu*

*talba għall-aċċess u l-fornituri li jitolbu l-aċċess għandhom jinnegozjaw in bona fede.*

*7. Meta ma jintlaħaqx ftehim fuq il-bażi tal-offerta individwali msemmija fil-paragrafu 6, il-fornitur tas-servizzi ta' konsenja tal-pakketti li jitlob aċċess jista' jissottometti l-offerta individwali magħmula mill-fornitur tas-servizz universali lill-awtorità regolatorja nazzjonali. Jekk meħtieġ, l-awtoritajiet regolatorji nazzjonali għandhom jibdlu l-offerta ta' referenza biex jingħta effett lill-obbligi stabbiliti f'dan l-Artikolu.*

*8. L-aċċess għandu jiġi żgurat operazzjonalment f'perjodu raġonevoli ta' żmien li ma jaqbiżx it-tliet xhur mill-konklużjoni tal-kuntratt.*

Or. en

## **Emenda 67**

### **Proposta għal regolament Artikolu 6a (ġdid)**

*Test propost mill-Kummissjoni*

*Emenda*

#### *Artikolu 6a*

#### *L-għoti ta' informazzjoni lill-utenti mill-kummerċjanti*

*Il-kummerċjanti kollha li jixtiequ jikkonkludu kuntratti ta' bejgħ li jinkludu l-bgħit ta' pakketti transfruntiera għandhom, fl-istadju ta' qabel l-ikkuntrattar, iqegħdu l-informazzjoni li ġejja għad-dispożizzjoni tal-utenti, jew online jew b'mezz aċċessibbli ieħor:*

*(a) l-għażliet ta' konsenja transfruntiera offruti, inkluża kwalunkwe għażla ta' fornituri, ta' traċċar u rintraċċar, u mekkaniżmi li jippermettu lill-utent jintervjeni matul il-proċess kollu tal-konsenja, u b'mod partikolari biex jagħżel li ma jkollux konsenja mingħajr*



*il-preżenza ta' riċevitur u biex jirringa l-konsenja mill-ġdid jew il-ħinijiet tal-ġbir, fejn applikabbli;*

*(b) tagħrif dettaljat dwar il-proċessi tat-tressiq ta' ilmenti offruti minnhom u mill-fornituri tas-servizzi ta' konsenja tal-pakketti, mekkaniżmi alternattivi ta' soluzzjoni tat-tilwim inkluża l-pjattaforma, madwar l-Unjoni kollha, ta' soluzzjoni online tat-tilwim stabbilita bir-Regolament (UE) Nru 524/2013 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill\*, u l-assistenza pprovduta min-Netwerk ta' Ċentri Ewropej tal-Konsumaturi;*

*(c) il-prezzijiet mitluba minnhom lill-utenti għall-konsenja tal-pakketti transfruntiera.*

---

*\* Regolament (UE) Nru 524/2013 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tal-21 ta' Mejju 2013 dwar is-soluzzjoni online għal tilwim mal-konsumaturi u li jemenda r-Regolament (KE) Nru 2006/2004 u d-Direttiva 2009/22/KE (Regolament dwar l-ODR tal-konsumaturi) (ĠU L 165, 18.6.2013, p. 1)*

Or. en

## **Emenda 68**

### **Proposta għal regolament Artikolu 6b (ġdid)**

*Test propost mill-Kummissjoni*

*Emenda*

#### **Artikolu 6b**

*L-armonizzazzjoni tal-kwalità tas-servizzi  
u tal-istandards tekniċi*

*L-armonizzazzjoni tal-kwalità tas-servizz  
u tal-istandards tekniċi għall-konsenji tal-  
pakketti transfruntiera għandha tiġi  
prijoritizzata aktar skont id-  
dispożizzjonijiet tad-Direttiva 97/67/KE,*

*permezz tal-Kumitat Ewropew għall-Istandardizzazzjoni u b'mod ieħor, filwaqt li jiġu kkunsidrati b'mod partikolari l-interessi tal-utenti, u l-kunsiderazzjonijiet tal-effiċjenza u dawk ambjentali.*

Or. en

## Emenda 69

### Proposta għal regolament Artikolu 8 – paragrafu 1

*Test propost mill-Kummissjoni*

*Qabel XX/XX/2019*, u minn hemm 'il quddiem kull *erba'* snin, il-Kummissjoni għandha *tissottometi* lill-Parlament Ewropew, lill-Kunsill u lill-Kumitat Ekonomiku u Soċjali rapport ta' evalwazzjoni dwar l-applikazzjoni ta' dan ir-Regolament, akkumpanjat, fejn xieraq, bi proposta għar-reviżjoni tagħha.

*Emenda*

*Sa ... [sentejn wara d-dħul fis-seħħ ta' dan ir-Regolament], u minn hemm 'il quddiem kull tliet snin, il-Kummissjoni għandha tissottometti lill-Parlament Ewropew, lill-Kunsill u lill-Kumitat Ekonomiku u Soċjali rapport ta' evalwazzjoni dwar l-applikazzjoni ta' dan ir-Regolament, akkumpanjat, fejn xieraq, bi proposta leġiżlattiva għar-reviżjoni tagħha. Ir-rapport għandu jiġi prodott wara konsultazzjoni mal-partijiet ikkonċernati xierqa kollha inkluż il-Kumitat ta' Djalogu Soċjali Ewropew għas-settur postali.*

Or. en

## Emenda 70

### Proposta għal regolament Artikolu 8 – paragrafu 2 – punt a

*Test propost mill-Kummissjoni*

(a) jekk l-affordabbiltà tas-servizzi transfruntiera tal-konsenja tal-pakketti *tjibitx*, inkluż *għal utenti* f'żoni remoti jew b'popolazzjoni baxxa;

*Emenda*

(a) jekk *l-effiċjenza u* l-affordabbiltà tas-servizzi transfruntiera tal-konsenja tal-pakketti *tjibitx*, inkluż *għallutenti* f'żoni remoti jew b'popolazzjoni baxxa;

Or. en

## Emenda 71

### Proposta għal regolament Artikolu 8 – paragrafu 2 – punt b

*Test propost mill-Kummissjoni*

*Emenda*

*(b) sa liem punt l-aċċess trasparenti u mhux diskriminatorju sħiħ transfruntier kif imsemmi fl-Artikolu 6 ingħata minn fornituri tas-servizz universali li jipprovdu servizz ta' konsenja tal-pakketti;*

*imħassar*

Or. en

## Emenda 72

### Proposta għal regolament Artikolu 8 – paragrafu 2 – punt ba (ġdid)

*Test propost mill-Kummissjoni*

*Emenda*

*(ba) l-impatt tar-Regolament fuq il-livelli u l-prezzijiet ta' konsenja tal-pakketti transfruntiera, inkluż dwar it-tariffi ta' konsenja li jkollhom iħallsu kemm il-kummerċjanti kif ukoll l-utenti;*

Or. en

## Emenda 73

### Proposta għal regolament Artikolu 8 – paragrafu 2 – punt bb (ġdid)

*Test propost mill-Kummissjoni*

*Emenda*

*(bb) il-progress fil-kwalità tas-servizz u fl-iżvilupp ta' standards tekniċi għall-konsenji tal-pakketti transfruntiera.*

Or. en

## **Emenda 74**

### **Proposta għal regolament Artikolu 8 – paragrafu 2 – punt d**

*Test propost mill-Kummissjoni*

*Emenda*

**(d) progress dwar inizjattivi oħra għall-ikkompletar tas-suq uniku għal servizzi ta' konsenja tal-pakketti.**

***imħassar***

Or. en

## **Emenda 75**

### **Proposta għal regolament Artikolu 9**

*Test propost mill-Kummissjoni*

*Emenda*

***Artikolu 9***

***imħassar***

***Proċedura ta' kumitat***

***1. Il-Kummissjoni għandha tiġi assistita mill-Kumitat tad-Direttiva Postali mwaqqaf bl-Artikolu 21 tad-Direttiva 97/67/KE. Dak il-kumitat għandu jkun kumitat fit-tifsira tar-Regolament (UE) Nru 182/2011.***

***2. Meta ssir referenza għal dan il-paragrafu, japplika l-Artikolu 5 tar-Regolament (UE) Nru 182/2011.***

Or. en

## **Emenda 76**

### **Proposta għal regolament Artikolu 9a (ġdid)**

*Test propost mill-Kummissjoni*

*Emenda*

***Artikolu 9a***

### *L-eżerċitar tad-delega*

- 1. Is-setgħa ta' adozzjoni ta' atti delegati hija mogħtija lill-Kummissjoni suġġett għall-kondizzjonijiet stabbiliti f'dan l-Artikolu.*
- 2. Is-setgħa ta' adozzjoni ta' atti delegati msemmija fl-Artikolu 3(4) għandha tingħata lill-Kummissjoni għal perjodu ta' ħames snin minn ... [id-data tad-dħul fis-seħħ ta' dan ir-Regolament]. Il-Kummissjoni għandha tfassal rapport dwar id-delega ta' setgħa mhux aktar tard minn disa' xhur qabel it-tmiem tal-perjodu ta' ħames snin. Id-delega tas-setgħa għandha tiġi estiża awtomatikament għal perjodi ta' żmien ta' tul identiku, ħliet jekk il-Parlament Ewropew jew il-Kunsill joġġezzjonaw għal estensjoni bħal din mhux iktar tard minn tliet xhur qabel it-tmiem ta' kull perjodu.*
- 3. Id-delega ta' setgħa msemmija fl-Artikolu 3(4) tista' tiġi rrevokata fi kwalunkwe mument mill-Parlament Ewropew jew mill-Kunsill. Deċiżjoni ta' revoka għandha ttemm id-delega tas-setgħa speċifikata f'dik id-deċiżjoni. Għandha ssir effettiva fil-jum wara dak tal-publikazzjoni tad-deċiżjoni f'Il-Ġurnal Uffiċjali tal-Unjoni Ewropea jew f'data aktar tard speċifikata fiha. Ma għandha taffettwa l-validità tal-ebda att delegat diġà fis-seħħ.*
- 4. Qabel ma tadotta att delegat, il-Kummissjoni għandha tikkonsulta esperti nominati minn kull Stat Membru f'konformità mal-prinċipji stipulati fil-Ftehim Interistituzzjonali tat-13 ta' April 2016 dwar it-Tfassil Aħjar tal-Liġijiet.*
- 5. Hekk kif tadotta att delegat, il-Kummissjoni għandha tinnotifikah simultanjament lill-Parlament Ewropew u lill-Kunsill.*
- 6. Att delegat adottat skont l-Artikolu 3(4) għandu jidħol fis-seħħ biss jekk ma tiġi espressa l-ebda oġġezzjoni la mill-Parlament Ewropew u lanqas mill-*

*Kunsill fi żmien perjodu ta' erba' xhur min-notifika ta' dak l-att lill-Parlament Ewropew u lill-Kunsill jew jekk, qabel l-iskadenza ta' dak il-perjodu, kemm il-Parlament Ewropew kif ukoll il-Kunsill ikunu infurmaw lill-Kummissjoni li mhumiex se joġġezzjonaw. Dak il-perjodu għandu jiġi estiż b'xahrejn fuq inizjattiva tal-Parlament Ewropew jew tal-Kunsill.*

Or. en

## **Emenda 77**

### **Proposta għal regolament Anness I - sottotitolu 1**

#### *Test propost mill-Kummissjoni*

Oġġetti postali li għalihom trid tiġi nnotifikata l-lista pubblika ta' tariffi **nazzjonali** u transkonfinali kollha u lill-Istati Membri l-oħra lill-awtoritajiet regolatorji nazzjonali:

#### *Emenda*

Oġġetti postali li għalihom trid tiġi nnotifikata l-lista pubblika ta' tariffi **domestiċi** u transkonfinali kollha u lill-Istati Membri l-oħra lill-awtoritajiet regolatorji nazzjonali:

Or. en

## **Emenda 78**

### **Proposta għal regolament Anness I – paragrafu 5**

#### *Test propost mill-Kummissjoni*

(\*\*\*) It-tariffi ta' hawn fuq għandhom jikkorrispondu għal oġġetti kkonsenjati fid-dar jew postijiet fl-Istat Membru ta' destinazzjoni.

#### *Emenda*

(\*\*\*) It-tariffi ta' hawn fuq għandhom jikkorrispondu għal oġġetti kkonsenjati fid-dar jew postijiet **tad-destinatarju** fl-Istat Membru ta' destinazzjoni.

Or. en



## NOTA SPJEGATTIVA

### IL-KUNTEST

Il-konsenja tal-pakketti hija settur kompetittiv, innovattiv u li qed jikber b'rata mgħagħla. Ta' kull sena jiġu ordnati online u konsenjati fl-Unjoni Ewropea kollha madwar erba' biljun pakkett. Madankollu, il-potenzjal għal aktar tkabbir f'dan is-settur huwa ċar. Fl-UE b'mod ġenerali, filwaqt li 44 % tal-konsumaturi jixtru online f'pajjiżhom stess, huma ħafna inqas (15 %) dawk li jordnaw online biex jixtru minn pajjiż ieħor. It-tħassib dwar il-konsenja ta' oġġetti mixtrija u mibjugħa b'mod transfruntier instab li hu problema ewlenija esperjenzati mill-konsumaturi online u n-negozji ż-żgħar tal-UE, inklużi f'ħafna każijiet l-ispejjeż relattivament għolja involuti.

Il-Kummissjoni Ewropea, fil-qafas tal-Istrateġija għal Suq Uniku Diġitali tagħha, ipproponiet Regolament dwar is-servizzi ta' konsenja tal-pakketti transfruntiera. Bir-Regolament propost, il-Kummissjoni għandha l-għan li tiżgura effiċjenza akbar fis-settur, it-trasparenza tat-tariffi u tar-rati terminali, u prezzijiet affordabbli.

Fit-tnejn għall-eżami ta' din il-proposta, ir-Rapporteur ikkonsultat ma' ħafna organizzazzjonijiet tal-utenti u tas-settur postali, inklużi regolaturi u dawk li jirrappreżentaw in-negozji ż-żgħar, il-konsumaturi u t-trade unions. Barra minn hekk hija qieset bis-sħiħ il-fehmiet tal-Kumitat Ekonomiku u Soċjali u organizzat avveniment li għalih attendew ħafna nies li ppermetta li jiġu espressi firxa sħiħa ta' prospettivi u suġġerimenti dwar il-proposta tal-Kummissjoni.

### IL-POŻIZZJONI TAR-RAPPORTEUR

Ir-rapporteur tappoġġa bis-saħħa l-isforzi biex jinħoloq Suq Uniku Diġitali adattat għall-ħtiġijiet tal-konsumaturi u tal-bejjieġha bl-imnut, iżda tfittex li ttejjeb il-proposta tal-Kummissjoni biex din tipprovdi approċċ ġust u bbilanċjat għall-operaturi kollha fis-settur, liema approċċ ikun konformi għalkollox mad-dispożizzjonijiet tad-Direttiva 97/67/KE dwar is-Servizzi Postali, iżda li frattant ikun jikkomplementa u jibni fuq id-Direttiva 97/67/KE.

Għalhekk hija tipproponi li l-kamp ta' applikazzjoni tad-dispożizzjonijiet ewlenin tar-Regolament jiġi estiż għall-fornitur kollha tas-servizzi ta' konsenja tal-pakketti, speċjalment peress li ħafna fornituri ta' servizzi universali m'għandhomx sehem kbir mis-suq tal-pakketti transkonfinali tal-UE. Ir-Rapporteur tfittex ukoll li jitneħħew l-aspetti tal-aċċess u tal-offerta ta' referenza tal-proposta peress li ma jirriflettux ir-realtà tas-suq tal-pakketti transfruntiera u mhumiex meħtieġa fid-dawl tal-liġi tal-UE dwar il-kompetizzjoni u s-servizzi postali.

Ir-Rapporteur iddefinixxiet "pakkett" bħala oġġett postali b'piż ta' mhux aktar minn 31.5 kg, filwaqt li taqbel li oġġett ta' korrispondenza waħdu ma għandux jitqies bħala pakkett, b'konformità mad-Direttiva 97/67/KE.

Il-Kummissjoni għandha raġun tiddisponi għal informazzjoni mtejbja dwar is-suq għall-Awtoritajiet Regolatorji Nazzjonali, iżda huwa importanti li d-dispożizzjonijiet tar-Regolament jippermettu verament li dak li jkun jista' jieħu stampa eżatta tas-suq. Għal dan l-għan, ir-Rapporteur qed tfittex li tiżgura li l-Awtoritajiet Regolatorji Nazzjonali jiksbu data li



turi l-frammentazzjoni u l-firxa tal-prattiki tal-impjeg fis-suq, inkluża informazzjoni dwar is-sottokuntratturi u l-ħaddiema fis-settur postali li huma impjegati mod ieħor milli fuq bażi permanenti full-time.

Bl-istess mod, jeħtieġ li l-Awtoritajiet Regolatorji Nazzjonali jkollhom data xierqa dwar it-tariffi transfruntiera u r-rati terminali, sabiex jivvalutaw jekk hux il-każ li l-prezzijiet huma għoljin wisq. Din id-data għandha tkun disponibbli għall-operaturi rilevanti kollha, inkella tista' tinholq impressjoni mgħawġa. Ir-Rapporteur għalhekk abbozzat l-emendi tagħha sabiex jittieħed kont ta' dan.

Dwar il-valutazzjoni tal-affordabbiltà tat-tariffi, ir-Rapporteur hija tal-fehma wkoll li kwalunkwe ttestjar rigward l-affordabbiltà għandu jiġi applikati fis-suq kollu u mhux biss għall-fornituri tas-servizz universali. L-għan ta' dik il-valutazzjoni għandu jkun li tivvaluta jekk l-ispiża għall-individwi u għall-intrapriżi żgħar u ta' daqs medju hijiex affordabbli u sa liema punt l-adozzjoni tas-servizzi ta' konsenja tal-pakketti transfruntiera hija affettwata mill-kostijiet tal-konsenja. Il-valutazzjoni għandha tqis lill-utenti individwali li d-dħul disponibbli tagħhom huwa ftit, lill-utenti b'diżabbiltà jew b'mobilità mnaqqsa, lill-utenti individwali u tal-SMEs li jgħixu jew li jinsabu f'żoni remoti jew b'popolazzjoni baxxa mifruxa, kif ukoll lil dawk li regolarment jużaw servizzi ta' konsenja tal-pakketti.

Il-fiduċja tal-konsumaturi tkun tibbenefika minn rekwiżiti mtejba ta' informazzjoni aktar trasparenti u komparabbli dwar l-għażliet ta' prezzijiet u ta' konsenja disponibbli, kif ukoll minn rekwiżiti ta' aktar gwida dwar proċeduri għad-dannu, għat-telf ta' merkanzija, għad-dewmien u għar-ritorn, u għat-trattament tal-ilmenti. Għal dawn ir-raġunijiet, ir-Rapporteur tissuġġerixxi l-introduzzjoni ta' żewġ artikoli ġodda biex issir żieda mal-informazzjoni li diġà hija pprovduta lill-utenti mill-operaturi kummerċjali u biex tiġi promossa aktar l-armonizzazzjoni tal-kwalità tas-servizz u tal-istandards tekniċi, skont ir-regolamenti eżistenti tal-UE.

Il-Kummissjoni tipproponi li kull erba' snin tissottometti lill-Parlament Ewropew, lill-Kunsill u lill-Kumitat Ekonomiku u Soċjali rapport ta' evalwazzjoni dwar l-applikazzjoni ta' dan ir-Regolament, akkumpanjat, fejn xieraq, minn proposta leġiżlattiva għar-rieżami tiegħu. Ir-Rapporteur hija tal-fehma li dan ir-rapport għandu jiġi prodott wara konsultazzjoni mal-partijiet ikkonċernati xierqa kollha, inkluż il-Kumitat ta' Djalogu Soċjali Ewropew għas-settur postali u għandu jingħata kull tliet snin, speċjalment minħabba n-natura dinamika u li qed tinbidel b'mod rapidu tas-swieq tal-kummerċ elettroniku.